32004D0117

L 36/20 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 7.2.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Jannar 2004

li temenda d-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/197/KEE u 97/10/KE fir-rigward ta' dħul temporanju u importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' żwiemel reġistrati fl-Afrika ta' Isfel

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 50)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/117/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw iċ-ċaqlieq u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' ekwide [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikoli 14, 15, 16 u l-Artikoli 19(i) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE [2] tippreskrivi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għad-dħul temporanju ta' żwiemel reġistrati.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE [3], tippreskrivi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet ta' ekwide reġistrati u ekwide għat-tgħammir u l-produzzjoni.

(3) L-Anness I li jinsab mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/10/KE tat-12 ta' Diċembru 1996 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 92/160/KEE, 92/260/KEE u 93/197/KEE fir-rigward tad-dħul temporanju u l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' żwiemel reġistrati fl-Afrika ta' Isfel [4] tipprovdi għal garanziji addizzjonali li jgħoddu għar-reġjonalizzazzjoni ta' l-Afrika ta' Isfel għal importazzjonijiet ta' żwiemel reġistrati fil-Komunità Ewropea.

(4) Dawk il-garanziji addizzjonali jipprojbixxu l-użu ta' tilqim kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel ġewwa ż-żona ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel. B'konsegwenza l-istatus tat-tilqim ta' żwiemel reġistrati li jkunu residenti f'żona ħielsa mill-mardaAafrikana taż-żwiemel għal aktar minn 24 xahar ma jistgħux jiġu aktarċertifikati taħt il-kondizzjonijiet presenti ta' importazzjoni.

(5) B'żieda huwa meħtieġ li t-trasportazzjoni ta' żwiemel reġistrati f'żona ħielsa tintgħamel suġġetta għall-awtorizzazzjoni f'każi fejn dawk iż-żwiemel ma jkunux ġew imlaqqma jew fejn għal raġunijiet veterinarji dak it-tilqim ma kienx twettaq b'konformità ma' l-istruzzjonijiet kollha tal-manifattur.

(6) Huwa meħtieġ li jiġu adattati garanziji addizzjonali għar-reġjonalizzazzjoni ta' l-Afrika ta' Isfel għal importazzjonijiet fil-Komunità ta' żwiemel reġistrati fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali f'dak il-pajjiż, u biex jirriflettu dawn il-modifikazzjonijiet fil-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja applikabbli għal dik l-importazzjoni.

(7) Id-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/197/KEE u 97/10/KE għandhom għalhekk jiġu hekk emendati.

(8) Il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).
[2] ĠU L 130, tal-15.5.1992, p. 67. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2003/541/KE (ĠU L 185, ta' l-24.7.2003, p. 41).
[3] ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 16. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2003/541/KE.
[4] ĠU L 3, tas-7.1.1997, p. 9. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2003/541/KE.

ADOTTAT DIN ID-DECode en erreur: 8eVIŻJONI:

L-Artikolu 1

Fl-Anness II li jinsab mad-Deċiżjoni 92/260/KEE iċ-ċertifikat F tas-saħħa ta' l-annimali huwa sostitwit bit-test ta' l-Anness I li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Fl-Anness II li jinsab mad-Deċiżjoni 93/197/KEE iċ-ċertifikat F tas-saħħa ta' l-annimali huwa sostitwit bittest ta' l-Anness II li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 3

L-Anness I li jinsab mad-Deċiżjoni 97/10/KE huwa emendat skond l-Anness III li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

— F —

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' żwiemel irreġistrati mill-Afrika t'Isfel għall-perjodu ta' inqas minn 90 ġurnata

Numru taċ-Ċertifikat: .....

Pajjiż terz ta' dispaċċ [1]: .....

Ministeru responsabbli: .....

I. Identifikazzjoni taż-żiemel

a) Numru tad-dokument ta' identifikazzjoni (passaport): .....

b) Validat minn: .....
(Isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. Oriġini u destinazzjoni taż-żiemel

Iż-żiemel għandu jintbgħat minn: .....
(Post minn fejn ser isir l-esport)

Direttament għal: .....
(Stat Membru u post tad-destinazzjoni)

bl-ajruplan [3]: .....
(indika n-numru tat-titjira)

jew

bil-vapur [3]: .....
(indika l-isem tal-vapur)

Isem u indirizz ta' min qiegħed jikkunsinna: .....

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju: .....

.....

III. Informazzjoni dwar is-saħħa

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt firmat ta' ....., ...
(niżżel l-isem tal-pajjiż)

niċċertifika li ż-żiemel imsemmi hawn fuq:

a) ġej minn pajjiż fejn il-mard segwenti għandu jiġi notifikat b'obbligu: marda taż-żwiemel Afrikana, durina, glanders, encephalomyelitis ta' l-ewkwini ta' kull tip inkluża l-ewkwelina encephalomyelitis tal-Venezwela, enemja infettuża, stomtatitis veżikolari, rabies, antrax;

b) ġie eżaminat illum u ma juri l-ebda sinjal kliniku ta' mard [2];

c) m'huwiex intiż għall-qatla taħt programm nazzjonali ta' qerda ta' mard infettuż jew li jittieħed;

d) kien qed jgħix għal matul is-60 jum immedjatament qabel l-esportazzjoni f'intrapriżi taħt superviżjoni veterinarja:

— fit-territorju tal-pajjiż (1) tad-dispaċċ

u

— fi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, jekk kien impurtat fil-pajjiż (1) tad-dispaċċ direttament minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea (3),

u

— fit-territorju ta' pajjiż terz (1) approvat għad-dhul temporanju jew importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' żwiemel reġistrati, jekk dan kien impurtat direttament fil-pajjiż (1) tad-dispaċċ taħt il-kondizzjonijiet li ta' l-anqas huma iebsin daqs dawk imniżżla għad-dhul temporanju jew l-importazzjonijiet permanenti ta' żwiemel reġistrati minn pajjiż terz ikkonċernat direttament fl-Unjoni Ewropea (3);

e) għadda minn perjodu ta' 40 jum iżolament immedjatament qabel ma ġie esportat minn ..... (5)

għal ..... (5) fil-post tal-kwarantina approvat ġewwa ..... taħt il-kondizzjonijiet imniżżla hawn taħt:

i iż-żiemel kien jinżamm b'mod permanenti taħt kondizzjonijiet li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard (5),

jew

ii iż-żiemel inżamm fi stallel li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard ta' l-anqas minn saghtejn qabel inżul ix-xemx sa saghtejn wara tlugh ix-xemx ta' l-għada u kienu provduti l-eżerċizzji taħt superviżjoni uffiċjali veterinarja, wara li ġew applikati repellenti għall-insetti effettivi qabel ma tnehhew mill-istallel, u b'iżolazzjoni stretta minn *equidae* li mhux ippreparati għall-esportazzjoni taħt kondizzjonijiet li ta' l-inqas huma stretti daqs dawk mehtieġa għad-dhul temporanju ta' l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea (3);

f) ġej minn territorju ta' pajjiż (1), fejn:

i ma kienx hemm każijiet ta' l-ewkwelina encephalomyelitis tal-Venezwela fl-aħħar sentejn;

ii ma kienx hemm każijiet ta' durina, fl-aħħar sitt xhur;

iii ma kienx hemm każijiet ta' glanders fl-aħħar sitt xhur;

iv ma kienx hemm każijiet ta' stomtatitis vežikolari fl-aħħar sitt xhur (3),

jew

kien ittestjat fuq kampjun ta' demm, fiż-żmien ta' 21 jum mill-esport, nhar il- ..... (5) b'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus għall-istomatitis vežikolari, b'riżultat negattiv b'taħlita ta' wieħed fit-12 (3) (4);

v fil-każ ta' żiemel raġel mhux kkastrat ikbar minn 180 ġurnata:

1. artritis virali ta'l-ekwina ma ġietx uffiċjalment irreġistrata waqt l-aħħar sitt xhur (3),

jew

2. l-annimal kien ittestjat:

— fuq kampjun ta' demm meħud waqt il-21 jum mill-esport nhar il- ..... (5) b'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus għall-artritis virali ta' l-ekwina b'riżultat negattiv b'taħlita ta' wieħed f'erba' (3) (4),

jew

— fuq alikwot ta' l-isperma kollha taż-żiemel meħuda waqt il-21 ġurnata mill-esport nhar il- ..... (5) mit-test ta' l-iżolazzjoni tal-virus għall-artritis virali ekwina b'riżultat negattiv (3) (4),

jew

3. l-annimal kien mlaqqam nhar il- ..... (5) kontra l-artritis virali ta' l-ekwina taħt superviżjoni uffiċċjali veterinarja b'tilqima approvata mill-awtorità kompetenti, skond il-programmi għat-tilqim inizjali li ġejjin, u reġa kien mlaqqam regolarment (3) (4);

Programmi għat-tilqima inizjali kontra artritis virali ta'l-ekwina:

Struzzjonijiet: Aqta' barra il-programmi ta' tilqim li ma japplikawx għall-annimal hawn fuq deskritt;

a) It-tilqim sar fil-ġurnata meta ttiehed il-kampjun tad-demm li sussegwentement iriżulta fin-negattiv fit-test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-artritis virali ta'l-ekwina f'tahlita ta' wiehed f'erba';

b) It-tilqim sar waqt perjodu ta' iżolazzjoni ta' mhux iktar minn 15-il ġurnata taħt superviżjoni uffiċjali veterinarja li bdiet fil-ġurnata meta ttiehed il-kampjun tad-demm u li kien ttestjat waqt dak iż-żmien b'riżultat negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus għall-artritis virali ta'l-ekwina f'tahlita ta' wiehed f'erba';

c) It-tilqim sar meta l-annimal kellu żmien minn 180 sa 270 ġurnata, waqt perjodu ta' iżolament taħt superviżjoni uffiċċjali veterinarja. Waqt dan il-perjodu ta' iżolazzjoni żewġ kampjuni ta' demm meħuda b'distanza ta' l-anqas ta' 10 t'ijiem bejniethom, urew titru ta' l-antikorpi stabbli jew li qed jonqos f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-artritis virali ta'l-ekwina.

g) ma jiġix minn territorju ta' pajjiż [1] kkunsidrat, skond il-leġislazzjoni tal-Komunità, bħala li hu nfettat bil-marda taż-żwiemel Afrikana u li kien::

— mhux mlaqqam kontra l-marda taż-żwiemel Afrikana [3],

jew

— kien mlaqqam kontra l-marda taż-żwiemel Afrikana nhar il- ..... [5] ta' l-anqas 80 jum qabel l-iżolament qabel l-esportazzjoni, billi inghatatlu tilqima reġistrata kif preskritt mill-produttur tat-tilqima [3] [4];

h) ma jiġix minn azjenda li ġiet soġġetta għall-ordni ta' projbizzjoni minħabba raġunijiet ta' saħħa li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

i jekk l-annimali kollha ta' l-ispeċi l-iżjed suxxettibbli għall-marda li tinsab fl-azjenda ġew maqtula, il-projbizzjoni damet għal:

— sitt xhur fil-każ ta' encephalomyelitis tal-ewkwini, li bdiet fid-data meta l-*equidae* li kienet qed tbaghti mill-marda kienet maqtula,

— perjodu ta' żmien meħtieġ sabiex isiru, b'riżultat negattiv, żewġ testijiet Coggins b'distanza ta' tlett xhur bejniethom fuq l-annimali rimanenti wara li l-annimali infettati ġew maqtula fil-każ ta'enemja infettuża,

— sitt xhur fil-każ ta' stomtatitis veżikolari,

— xagħar mill-aħħar każ irrappurtat, fil-każ ta' rabies,

— 15-il ġurnata mill-aħħar każ irrappurtat, fil-każ ta' l-antrax;

ii jekk l-annimali kollha ta' l-ispeċi suxxettibbli għall-marda li jinstabu fl-azjenda ġew maqtula, il-projbizzjoni damet għal 30 jum, jew 15-il jum fil-każ ta' antrax, li bdiet mill-ġurnata li, wara l-qatla ta' l-annimali kollha, id-disinfettazzjoni tal-bini kienet kompluta b'mod sodisfaċenti;

i) ma kienx, skond l-aħjar informazzjoni li għandi u skond id-dikjarazzjoni tas-sid jew rappreżentant tiegħu, f'kuntatt ma' annimali li juru sinjali kliniċi ta' marda infettuża jew kontaġġuża li tista' tiġi trasmessa lill-*equidae* waqt il-perjodu ta' 15-il jum qabel l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni;

j) kien soġġett għat-testijiet li ġejjin u li saru b'riżultat negattiv fuq kampjuni ta' demm li ttieħdu waqt il-21 jum ta' l-esportazzjoni, nhar il- ..... [4] [5]:

— test Coggins għall-enemja infettuża ta' l-ewkwina,

— test komplimentarju ta' fissazzjoni għad-durina b'tahlita ta' wieħed fil-ħamsa;

k) kien soġġett għal test tal-marda taż-żwiemel Afrikana kif deskritta fl-Anness D tad-Direttiva 90/426/KEE:

1. jew f'okkażjoni waħda, magħmul fuq kampjun ta' demm li ttieħed nhar il- ..... [5] waqt l-10 t'ijiem ta' l-esportazzjoni b'reazzjoni negattiva, jekk ma kienx mlaqqam u nżamm b'mod permanenti taħt kondizzjonijiet li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard kif msemmi fil-punt (e) (i) hawn fuq [3] [4], jew

2. f'żewġ okkażjonijiet, magħmul fuq kampjuni ta' demm li ttieħdu b'intervall ta' bejn il-21 u t-30 jum nhar il- ..... [5] u il- ..... [5], u t-tieni waħda ittieħdet waqt l-10 t'ijiem ta' l-esportazzjoni u għandu:

— reazzjonijiet negattivi, jekk ma kienx mlaqqam [3] [4],

— jew mingħajr żieda fil-livell ta' anti-korpi, jekk kien imlaqqam [3] [4];

l) kien soġġett ghal test ELISA ghal enċefalożi ta' l-ewkwina f'żewġ okkażjonijiet, maghmula fuq żewġ kampjuni ta' demm mehuda b'intervall ta' bejn il-21 u t-30 jum nhar il- ..... (5) u il- ..... (5), u t-tieni ittiehed waqt l-10 t'ijiem ta' l-esport:

— b'reazzjonijiet negattivi (3) (4),

jew

— minghajr żieda fil-livell ta' antikorpi (3) (4).

IV. Iż-żiemel ghandu jintbaghat direttament mill-post fejn ikun qed jinżamm ghall-kwarantina:

a) ghall-ajruport taht kondizzjonijiet li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard u jintbaghat lill-Istat Membru ta' l-Unjoni Ewropea minghajr ma jiġi f'kuntatt ma' *equidae* ohrajn li ma jkollhomx ċertifikat mill-KE ghall-importazzjonijiet permanenti jew ghad-dhul temporanju u jkunu trasportati f'ajruplan mnaddaf u disinfettat bil-quddiem b'disinfettant uffiċjalment rikonoxxut fil-pajjiż minn fejn ser jintbaghat u sprejjat kontra insetti trasportaturi tal-mard qabel ma jitlaq l-ajruplan (3);

jew

b) ghall-port ta' Cape Town taht kondizzjonijiet li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard u ser jintbaghat lill-Istat Membru ta' l-Unjoni Ewropea minghajr ma jiġi f'kuntatt ma' *equidae* ohrajn li ma jkollhomx ċertifikat mill-KE ghall-importazzjonijiet permanenti jew ghad-dhul temporanju u jkunu trasportati fuq vapur skedat direttament ghal port fl-Unjoni Ewropea minghajr ma jidhol f'port li jkun fit-territorju ta' pajjiż([1]) li mhux approvat ghall-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' *equidae* fi stallel mnaddfin u disinfettati bil-quddiem b'disinfettant uffiċjalment rikonoxxut fil-pajjiż minn fejn ser jintbaghat u sprejjat kontra insetti trasportaturi tal-mard qabel ma jitlaq il-vapur (3).

Id-dikjarazzjoni mehmuża u ffirmata mis-sid jew rappreżentant tieghu jifforma parti miċ-ċertifikat.

V. Iċ-ċertifikat hu validu ghal 10 t'ijiem. Fil-każ ta' trasport bil-bahar, iż-żmien ghandu jiġi mtawwal biż-żmien tal-vjaġġ maghmul.

Dan iċ-ċertifikat flimkien mad-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) ghandu jinżamm maż-żiemel waqt il-perjodu kollu tar-residenza taż-żiemel fl-Unjoni Ewropea. Il-perjodu tar-residenza fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea ma jistghax jaqbeż id-90 jum.

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali (6)

.....

(Isem f'ittri kbar u l-kapaċità li fiha qieghed jiffirma)

VI. Data u pajjiż fejn sar id-dhul fl-Unjoni Ewropea: .....

.....

.....

.....

(Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali) (6)

Data ta' meta saret l-esportazzjoni mill-Unjoni Ewropea: .....

VII. Meta ż-żiemel sussegwentement jiċċaqlaq minn Stat Membru ghall-iehor kif indikat fid-dikjarazzjoni, il-perjodu tal-validità taċ-ċertifikat ghandu jiġi estiż ghall-10 t'ijiem ohra minn veterinarju uffiċjali ta' l-Istat Membru tad-dispaċċ. Il-kontroll ta' l-identità maghmul f'din l-okkażjoni ghandu jiġi ċċertifikat fil-passaport.

Jien, hawn taħt iffirmat, eżaminajt iż-żiemel illum u niċċertifika li dan jilħaq il-kondizzjonijiet stabbiliti bid-Direttiva 90/426/KEE u, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti tal-paragrafu III(b), (c) u (g) ta' dan iċ-ċertifikat.

Skond l-aqwa informazzjoni li għandi, ma kienx f'kuntatt ma' *equidae* li jsofru minn mard infettuż jew kontaġġuż f'dawn l-aħħar 15-il ġurnata.

Data ta' l-eżaminazzjoni	Post ta' l-eżaminazzjoni	Post tad-destinazzjoni	Timbru u Firma ta' l-uffiċjal veterinarju (6)

.....

(Isem f'ittri kbar u l-kapaċità li fiha qiegħed jiffirma)

(1) Territorju ta' pajjiż tfisser it-territorju sħiħ jew parti minn territorju skond l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 90/426/KEE kif stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru. 92/160/KEE kif l-aħħar emendata.

(2) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ fil-ġurnata tat-tgħobija taż-żiemel għad-dispaċċ mill-Istat Membru tad-destinazzjoni jew fl-aħħar ġurnata ta' ħidma qabel ma ssir l-imbarkazzjoni u jkollu d-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) waqt l-aħħar żmien ta' residenza fl-Unjoni Ewropea.

(3) Ħassar kif xieraq.

(4) It-test(iijiet) li saru, r-riżultati tagħhom u t-tilqima għandhom jinkitbu fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport).

(5) Daħħal d-data.

(6) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar.

DIKJARAZZJONI

Jien, hawn taht iffirmat ..... sid (1) jew rappreżentant tas-sid (1), taż-żiemel hawn fuq deskritt niddikjara:

1. Iż-żiemel ser ikun residenti fl-Unjoni Ewropea għal perjodu ta' inqas minn 90 ġurnata u waqt dan il-perjodu dan ser jinżamm fil-fondi li ġejjin:

   1) Minn ..... (daħħal d-data) Sal- ..... (daħħal d-data) F' ..... (daħħal il-post ta' l-azjenda) Ġewwa ..... (daħħal l-Istat Membru)

   2) Minn ..... (daħħal d-data) Sal- ..... (daħħal d-data) F'..... (daħħal il-post ta' l-azjenda) Ġewwa..... (daħħal l-Istat Membru)

   3) Minn ..... (daħħal d-data) Sal- ..... (daħħal d-data) F'..... (daħħal il-post ta' l-azjenda) Ġewwa..... (daħħal l-Istat Membru)

   4) Minn ..... (daħħal d-data) Sal- ..... (daħħal d-data) F'..... (daħħal il-post ta' l-azjenda) Ġewwa..... (daħħal l-Istat Membru)

   .....

   .....

   .....

2. Iż-żiemel ser jintbagħat direttament mill-post ta' kwarantina ġewwa ..... għall-fond tad-destinazzjoni minghajr ma ġie f'kuntatt ma' annimali ekwini li mhux akkompanjati minn ċertifikat għad-dhul temporanju jew importazzjoni permanenti fl-Unjoni Ewropea.

3. It-trasportazzjoni ser issehh b'mod li s-saħħa u l-ahjar interessi tas-saħħa taż-żiemel jistghu jkunu protetti b'mod effettiv.

4. Waqt il-15-il jum qabel l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni iż-żiemel ma kienx f'kuntatt ma' annimali li jsofru minn infezzjonijiet jew mard kontaġġuż li jista' jkun trasmess lill-*equidae*.

5. Jien għamilt l-arranġamenti kollha skond l-istruzzjonijiet tal-veterinajru uffiċjali sabiex inkun konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fis-Sezzjoni IV u b'mod partikolari sabiex naċċerta li d-dikjarazzjoni moghtija fl-Anness IV tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru. 97/10/KEE tkun mimlija kif xieraq u ffirmata mill-kaptan ta' l-ajruplan jew tal-bastiment meta dan jasal f'ajruport jew fil-port li jinsab fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea u approvata skond id-Direttiva Nru. 91/496/KEE bħala post ta' l-ispezzjoni taż-żwiemel rreġistrati fil-fruntiera.

6. Iż-żiemel ser iħalli l-Unjoni Ewropea nhar il- ..... (2) fil-post tal-fruntiera ta':

   .....
   (Daħħal l-isem u l-post tal-hruġ)

7. Isem u indirizz tas-sid (1) jew tar-rappreżentant (1): .....

   ....
   (Post, data) (Firma)

   Numru taċ-ċertifikat tas-saħħa: .....

   .....
   (Firma tal-veterinarju uffiċjali li qed jiffirma ċ-ċertifikat) (3)

---

(1) Ħassar kif xieraq.
(2) Daħħal id-data.
(3) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar.

L-ANNESS II

— F —

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul temporanju ta' żwiemel irreġistrati fl-Unjoni Ewropea mill-Afrika t'Isfel [1]

Numru taċ-Ċertifikat: .....

Pajjiż terz ta' dispaċċ [1]: .....

Ministeru responsabbli: .....

I. Identifikazzjoni taż-żiemel

a) Numru tad-dokument ta' identifikazzjoni (passaport): .....

b) Validat minn: .....
(Isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. Oriġini u destinazzjoni taż-żiemel

Iż-żiemel għandu jintbagħat minn: .....
(Post minn fejn ser isir l-esport)

Direttament għal: .....
(Stat Membru u post tad-destinazzjoni)

bl-ajruplan [3]: .....
(indika n-numru tat-titjira)

jew

bil-vapur [3]: .....
(indika l-isem tal-vapur)

Isem u indirizz ta' min qiegħed jikkunsinna: .....

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju: .....

.....

III. Informazzjoni dwar is-saħħa

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt firmat ta' ....., ...
(niżżel l-isem tal-pajjiż)

niċċertifika li ż-żiemel msemmi hawn fuq:

a) ġej minn pajjiż fejn il-mard segwenti għandu jiġi notifika b'obbligu: marda taż-żwiemel Afrikana, durina, glanders, encephalomyelitis tal-ewkwini ta' kull tip inkluża l-ewkwelina encephalomyelitis tal-Venezwela, enemja infettuża, stomtatitis veżikolari, rabies, antrax;

b) ġie eżaminat llum u ma juri l-ebda sinjal kliniku ta' mard [2];

c) mhuwiex intiż għall-qatla taħt programm nazzjonali ta' qerda ta' mard infettuż jew li jittieħed;

d) kien residenti fit-territorju tal-pajjiż tad-dispaċċ waqt id-90 jum immedjatament qabel l-esportazzjoni (jew mit-twelid jekk għandu inqas minn 90 jum jew mid-dħul jekk dan kien importat direttament minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea waqt id-90 jum preċedenti) u waqt is-60 jum immedjatament qabel l-esportazzjoni fil-parti tal-pajjiż([1]) kkunsidrata bħala ħielsa mill-marda taż-żwiemel Afrikana skond il-leġislazzjoni tal-Komunità (jew mit-twelid jekk għandu inqas minn 60 jum jew mid-dħul jekk dan kien importat direttament minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea waqt is-60 jum preċedenti);

e) għadda minn perjodu ta' iżolament ta' 40 jum immeddjatament qabel ma ġie esportat minn ..... (5) għal ..... (5) fil-post tal-kwarantina approvat ġewwa ..... taħt il-kondizzjonijiet imniżżla hawn taħt:

i iż-żiemel kien jinżamm b'mod permanenti taħt kondizzjonijiet li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard (3),

jew

ii iż-żiemel inżamm fi stallel li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mardta' l-anqas minn saghtejn qabel inżul ix-xemx sa saghtejn wara tlugh ix-xemx ta' l-għada u kienu produti l-eżerċizji taħt superviżjoni uffiċċjali veterinarja, wara li ġew applikati repellenti ta' l-insetti effettivi qabel ma tnehhew mill-istallel, u b'iżolazzjoni stretta minn *equidae* li mhux preparati għall-esportazzjoni taħt kondizzjonijiet li ta' l-inqas huma stretti daqs kemm huma meħtieġa għad-dħul temporanju ta' l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea (3);

f) ġej minn territorju ta' pajjiż (1), fejn:

i ma kienx hemm każijiet ta' l-ewkwelina encephalomyelitis tal-Venezwela fl-aħħar sentejn;

ii ma kienx hemm każijiet ta' durina, fl-aħħar sitt xhur;

iii ma kienx hemm każijiet ta' glanders fl-aħħar sitt xhur;

iv ma kienx hemm każijiet ta' stomtatitis vežikolari fl-aħħar sitt xhur (3),

jew

kien ittestjat fuq kampjun ta' demm, fiż-żmien ta' 21 jum mill-esport, nhar il-..... (5) b'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus għall-stomatitis vežikolari, b'riżultat negattiv b'taħlita ta' wieħed fit-12 (3) (4);

v fil-każ ta' żiemel raġel mhux kkastrat ikbar minn 180 ġurnata:

1. artritis virali ta'l-ekwinama ġietx uffiċċjalment rreġistrata waqt l-aħħar sitt xhur (3),

jew

2. l-annimal kien ittestjat:

— fuq kampjun ta' demm meħud waqt il-21 jum ta' l-esport nhar il- ..... (5), b'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus għall-artritis virali ta'l-ekwina b'riżultat negattiv b'taħlita ta' wieħed f'erba' (3) (4),

jew

— fuq alikwot ta' l-isperma kollha taż-żiemel meħuda waqt il-21 ġurnata mill-esport nhar il- ..... (5) mit-test ta' l-iżolazzjoni tal-virus għall-artritis virali ta'l-ekwina b'riżultat negattiv (3) (4),

jew

3. l-annimal kien mlaqqam nhar il- ..... (5) kontra artritis virali ta'l-ekwina taħt superviżjoni uffiċċjali veterinarja bi tilqima approvata mill-awtorità kompetenti, skond il-programmi għat-tilqim inizjali li ġejjin, u reġa kiem mlaqqam regolarment (3) (4);

Programmi għat-tilqima inizjali kontra artritis virali ta'l-ekwina:

Struzzjonijiet: Aqta' barra il-programmi ta' tilqim li ma japplikawx għall-annimal hawn fuq deskritt;

a) It-tilqim sar fil-ġurnata meta ttiehed il-kampjun tad-demm li sussegwentement iriżulta fin-negattiv fit-test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-artritis virali ta'l-ekwina f'taħlita ta' wieħed f'erba';

b) It-tilqim sar waqt perjodu ta' iżolazzjoni ta' mhux iktar minn 15-il ġurnata taħt superviżjoni uffiċċjali veterinarja li bdiet fil-ġurnata meta ttiehed il-kampjun tad-demm u li kien ttestjat waqt dak iż-żmien b'riżultat negattiv f'test ta' newtralizzazzjoni tal-virus għall-artritis virali ta'l-ekwina f'taħlita ta' wieħed f'erba';

c) It-tilqim sar meta l-annimal kellu żmien minn 180 sa 270 ġurnata, waqt perjodu ta' iżolament taħt superviżjoni uffiċċjali veterinajra. Waqt dan il-perjodu ta' iżolazzjoni żewġ kampjuni tad-demm meħuda b'distanza ta' l-anqas ta' 10 t'ijiem bejniethom, urew titru ta' l-anti korpi stabbli jew li qed jonqos f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-artritis virali ta'l-ekwina.

g) ma jiġix minn territorju ta' pajjiż (1), kkunsidrat, skond il-leġislazzjoni tal-Komunità, bħala li hu nfettat bil-marda taż-żwiemel Afrikana u li kien:

— mhux mlaqqam kontra l-marda taż-żwiemel Afrikana (3),

jew

— kien mlaqqam kontra l-marda taż-żwiemel Afrikana nhar il- ..... (5) ta' l-anqas 80 jum qabel l-iżolament qabel l-esportazzjoni, billi ingħatatlu tilqima reġistrata kif preskritt mill-produttur tat-tilqima(3) (4);

h) ma jiġix minn azjenda li ġiet soġġetta ghall-ordni ta' projbizzjoni minhabba raġunijiet ta' sahha li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

i jekk l-annimali kollha ta' l-ispeċi l-iżjed suxxettibbli ghall-marda li tinsab fl-azjenda ġew maqtula, il-projbizzjoni damet ghal:

— sitt xhur fil-każ ta' encephalomyelitis tal-ewkwini, li bdiet fid-data meta l-*equidae* li kienet qed tbaghti mill-marda kienet maqtula,

— perjodu ta' żmien mehtieġ sabiex isiru, b'riżultat negattiv, żewġ testijiet Coggins b'distanza ta' tlett xhur fuq l-annimali rimanenti wara li l-annimali infettati ġew maqtula fil-każ ta' enemja infettuża,

— sitt xhur fil-każ ta' stomtatitis vežikolari,

— xaghar mill-ahhar każ irrappurtat, fil-każ ta' rabies,

— 15-il ġurnata mill-ahhar każ irrappurtat, fil-każ ta' l-antrax;

ii jekk l-annimali kollha ta' l-ispeċi suxxettibbli ghall-marda li jinstabu fl-azjenda ġew maqtula, il-projbizzjoni damet ghal 30 jum, jew 15-il jum fil-każ ta' antrax, li bdiet mill-ġurnata li, wara l-qatla ta' l-annimali kollha, id-disinfettazzjoni tal-bini kienet kompluta b'mod sodisfaċenti;

i) ma juri l-ebda sinjal kliniku ta' metritis ta' l-ekwina kontaġġuża u ma jiġix minn azjenda fejn kien hemm suspett ta' metritis ta' l-ekwina kontaġġuża waqt l-ahhar xaghrejn u ma kellux kuntatt dirett jew indirettament permezz ta' *coitus* ma' *equidae* infettati jew suspettati li huma nfettati bil-metritis ta' l-ekwina kontaġġuża;

j) ma kienx, skond l-ahjar informazzjoni li ghandi u skond id-dikjarazzjoni tas-sid jew rappreżentant tieghu, f'kuntatt ma' annimali li juru sinjali kliniċi ta' marda infettuża jew kontaġġuża li tista' tiġi trasmessa lill-*equidae* waqt il-perjodu ta' 15-il jum qabel l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni;

k) kien soġġett ghat-testijiet li ġejjin u li saru b'riżultat negattiv fuq kampjuni ta' demm li ttiehdu waqt il-21 jum ta' l-esportazzjoni, nhar il-..... [4] [5]:

— test Coggins ghall-enemja infettuża ta' l-ewkwina,

— test komplimentarju ta' fissazzjoni ghad-durina b'tahlita ta' wiehed fil-hamsa;

l) kien soġġett ghal test tal-marda taż-żwiemel Afrikana kif deskritta fl-Anness D tad-Direttiva 90/426/KEE:

1. jew f'okkażjoni wahda, maghmul fuq kampjun ta' demm li ttiehed nhar il- ..... [5] waqt l-10 t'ijiem ta' l-esportazzjoni b'reazzjoni negattiva, jekk ma kienx mlaqqam u nżamm b'mod permanenti taht kondizzjonijiet li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard kif msemmi fil-punt (e) (i) hawn fuq [3] [4], jew

2. f'żewġ okkażjonijiet, maghmul fuq kampjuni ta' demm li ttiehdu b'intervall ta' bejn il-21 u t-30 jum nhar il- ..... [5] u il- ..... [5], u t-tieni wahda ittiehdet waqt l-10 t'ijiem ta' l-esportazzjoni u ghandu:

— reazzjonijiet negattivi, jekk ma kienx mlaqqam [3] [4],

— jew minghajr żieda fil-livell ta' anti korpi, jekk kien imlaqqam [3] [4];

m) kien soġġett ghal test ELISA ghal encephalosis ta' l-ewkwina f'żewġ okkażjonijiet, maghmula fuq żewġ kampjuni ta' demm mehuda b'intervall ta' bejn il-21 u t-30 jum nhar il- ..... [5] u il- ..... [5], u t-tieni ittiehed waqt l-10 t'ijiem ta' l-esport:

— b'reazzjonijiet negattivi [3] [4], jew

— minghajr żieda fil-livell ta' anit korpi [3] [4].

IV. Iż-żiemel ghandu jintbaghat direttament mill-post fejn ikun qed jinżamm ghall-kwarantina:

a) ghall-ajruport taht kondizzjonijiet li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard u jintbaghat lill-Stat Membru ta; l-Unjoni Ewropea minghajr ma jiġi f'kuntatt ma' *equidae* ohrajn li ma jkollhomx ċertifikat mill-KE ghall-importazzjonijiet permanenti jew ghad-dhul temporanju u jkunu trasportati f'ajruplan mnaddaf u disinfettat bil-quddiem b'disinfettat uffiċjalment rikonoxxut fil-pajjiż minn fejn ser jintbaghat u sprejjat kontra insetti trasportaturi tal-mard qabel ma jitlaq l-ajruplan [3];

vagy

b) ghall-port ta' Cape Town taht kondizzjonijiet li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard u ser jintbaghat lill-Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea minghajr ma jiġi f'kuntatt ma *equidae* ohrajn li ma jkollhomx ċertifikat mill-KE ghall-importazzjonijiet permanenti jew ghad-dhul temporanju u jkunu trasportati fuq vapur skedat direttament ghal port fl-Unjoni Ewropea minghajr ma jidhol f'port li jkun fit-territorju ta' pajjiż [1], li mhux approvat ghall-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' *equidae* fi stallel mnaddfin u disinfettati bil-quddiem b'disinfettant uffiċjalment rikonoxxut fil-pajjiż minn fejn ser jintbaghat u sprejjat kontra insetti trasportaturi tal-mard qabel ma jitlaq il-vapur [3].

Id-dikjarazzjoni mehmuża ffirmata mir-rappreżentant tas-sid hija parti miċ-ċertifikat.

V. Iċ-ċertifikat hu validu għal 10 t'ijiem. Fil-każ ta' trasport bil-baħar, iż-żmien għandu jiġi mtawwal biż-żmien tal-vjaġġ magħmul.

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali (6)

.....

(Isem f'ittri kbar u l-kapaċità li fiha qiegħed jiffirma)

(1) Territorju ta' pajjiż tfisser it-territorju sħiħ jew parti minn territorju skond l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 90/426/KEE kif stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru. 92/160/KEE kif l-aħħar emendata.

(2) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ fil-ġurnata tat-tgħobija taż-żiemel għad-dispaċċ mill-Istat Membru tad-destinazzjoni jew fl-aħħar ġurnata ta' ħidma qabel ma ssir l-imbarkazzjoni u jkollu d-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) waqt l-aħħar żmien ta' residenza fl-Unjoni Ewropea.

(3) Ħassar kif xieraq.

(4) It-test(iijiet) li saru, r-riżultati tagħhom u t-tilqima għandhom jinkitbu fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport).

(5) Daħħal d-data.

(6) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar.

DIKJARAZZJONI

Jien, hawn taħt iffirmat ..... sid (1) jew rappreżentant tas-sid (1),
(Daħħal l-isem b'ittri kbar)

taż-żiemel hawn fuq deskritt niddikjara:

1. Iż-żiemel ser jintbagħat direttament mill-post ta' kwarantina ġewwa .....
(daħħal l-isem tal-post fejn inżamm għall-kwarantina)

   għall-fond tad-destinazzjoni mingħajr ma ġie f'kuntatt ma' annimali *equine* li mhux akkompanjati minn ċertifikat għad-dhul temporanju jew importazzjoni permanenti fl-Unjoni Ewropea;

2. L-annimal baqa' ..... (il-pajjiż ta' l-esportazzjoni) (1) mit-twelid tiegħu jew daħal fil-pajjiż li qed jesporta (1) ta' l-anqas 60 jum qabel din id-dikjarazzjoni;

3. Waqt il-15-il jum qabel l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni iż-żiemel ma kienx f'kuntatt ma' annimali li jsofru minn infezzjonijiet jew mard kontaġġuż li jista' jkun trasmess lill-*equidae*;

4. Jien għamilt l-arranġamenti kollha skond l-istruzzjonijiet tal-veterinajru uffiċjali sabiex inkun konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fis-Sezzjoni IV u b'mod partikolari sabiex naċċerta li d-dikjarazzjoni mogħtija fl-Anness IV tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru. 97/10/KEE tkun mimlija kif xieraq u ffirmata mill-kaptan ta' l-ajruplan jew tal-bastiment meta dan jasal f'ajruport jew fil-port li jinsab fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea u approvata skond id-Direttiva Nru. 91/496/KEE bħala post ta' l-ispezzjoni taż-żwiemel rreġistrati fil-fruntiera.

....
(Post, data) (Firma)

Numru taċ-ċertifikat tas-saħħa: .....

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali li qed jiffirma ċ-ċertifikat) (2)

(1) Ħassar kif xieraq.
(2) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar.

ANNESS III

L-Anness I tad-Deċiżjoni Nru. 97/10/KE hi emendata kif ġej:

1. Punt Nru. 5.5.1.4 hi mibdula b'dan li ġej:

"5.5.1.4. iċ-ċertifikat għandu jgħid li ż-żiemel:

— kien eżaminat klinikament fi 48 siegħa mid-dispaċċ u ma wera l-edba sinjal kliniku ta' mard, u

— ma ġiex f'kuntatt waqt l-aħħar 15-il jum (sa fejn hu aċċertabbli) ma' *equidae* oħrajn li jsofru minn marda kontaġġuża jew infettuża, u

— ma joriġinax minn żona fejn hemm restrizzjonijiet veterinarji marbuta ma' mard li jittieħeħed mil-*equidae fis*-seħħ u m'hux ġej minn azjenda fejn hemm restrizzjonijiet veterinarji, u

— m'hux ġej minn azjenda fejn kien hemm każ tal-marda taż-żwiemel Afrikana waqt l-aħħar 60 jum, u

— jekk iż-żiemel joriġina minn żona barra miż-żona ta' sorveljanza, kien

(i) mlaqqam kontra l-marda taż-żwiemel Afrikana minn veterinarju bl-użu ta' tilqima *polyvalent* reġistrata kif preskritt mil-produttur ta' l-anqas 60 jum, u mhux aktar minn 24 xagħar, qabel id-dħul fiż-żona libera, jew

(ii) iż-żiemel kien impurtat minn territorju ta' pajjiż jew parti mit-territorju reġjonaliżżat skond l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva Nru. 90/426/KEE, kkunsidrata skond il-leġislazzjoni Komunitarja bħala li mhux infettata bil-marda taż-żwiemel Afrikana u nġarr bl-ajru taħt kondizzjonijiet li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard mill-ajruport ta' Johannesburg, għaż-żona libera mill-marda taż-żwiemel Afrikana."

2. Fil-punt 5.5.1 għandu jiżdied dan li ġej:

"5.5.1.5. Bħala deroga mid-disposizzjonijiet stabbiliti fil-punt 5.5.1.4, il-ħames inċiż, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, kif stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali jew lokali tal-pajjiż li qed jesporta, speċifikament jawtorizzaw it-trasport ta' żiemel reġistrat miż-żona infettata, ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza għal żona libera taħt il-kondizzjonijiet segwenti,

— iż-żiemel huwa trasportat direttament għall-istazzjon tal-kwarantina approvata għal dak l-użu fiż-żona libera,

— it-trasport isir taħt kondizzjonijiet li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard, u għandu jittieħed kont tal-fatturi li jnaqqsu r-riskju, bħall-istaġun liberu mill-insetti trasportaturi, jew bi nhar, l-applikazzjoni ta' repellanti, kopertura ta' l-annimal u ventilazzjoni forzata fuq il-mezz tat-trasport,

— iż-żiemel huwa iżolat fl-istazzjon ta' kwarantina li joffru protezzjoni mill-insetti trasportaturi tal-mard għal ta' l-anqas 40 jum,

— waqt il-perjodu ta' iżolament, iż-żiemel huwa soġġett għal testijiet għall-marda taż-żwiemel Afrikana magħmula skond l-Anness D tad-Direttiva 90/426/KEE f'żewġ okkażjonijiet, li jsiru fuq kampjuni ta' demm li ttieħdu b'intervall ta' bejn 21 u 30 jum, u t-tieni kampjun ittieħed waqt 10 t'ijiem minn mindu telaq mill-istazzjon tal-kwarantina, b'riżultat negattiv, jekk iż-żiemel ma ġiex mlaqqam jew mingħajr żieda fil-livell ta' anti korpi jekk iż-żiemel kien imlaqqam qabel."